MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2009

Numru 732/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Silvio Valletta)**

**versus**

**Steve Spiteri**
**Clayton Cremona**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Steve Spiteri ta’ 24 sena iben missier mhux maghruf u Maria nee’ Spiteri mwieled Pieta fis-7 ta’ Awissu 1981 u residenti Milton Flats, no 9, Triq l-Isqof F S Caruana Msida, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 435381M

U

Clayton Cremona ta’ 20 sena iben Francis Xavier u Theresa nee’ Attard mwieled Pieta fis-26 ta’ Awissu 1985 u residenti 4 Triq il-Bilbla Mosta, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 442185M.

Akkuzati talli:

1. F’San Gwann nhar il-25 ta’ Lulju 2006 ghall-habta ta’ 4.30pm gewwa l-AGP Discount Store sitwat fi Triq is-Santwarju Mensija kkommettew serqa ta’ flus u sigaretti, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u li dan is-serq sar flimkien ma offiza hafifa fuq il-persuna ta’ Alexander Grech u dan ghad-detriment ta’ l-istess Alexander Grech u Paul Grech.
2. U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw ghadd ta’ persuni kontra l-volonta’ taghhom;
3. U iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi filwaqt li kienu qed jikkommettu reat ta’ serq, kkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alexander Grech skond kif ccertifika t-tabib Dr Paul Mangion MD.
4. Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellhom fuqhom arma tan-nar, armi regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
5. Akkuzati iktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri il-hamsin lira Maltin izda mhux il-hames mitt lira Maltin;
6. Akkuzati wkoll talli gewwa Triq il-Wied B’Kara fil-lejl ta’ bejn l-24 u 25 ta’ Lulju 2006 kkommettew serq ta’ karozza Mazda 323 numru tar-registrazzjoni CAM 185 liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elf lira Maltin, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta’ Anthony Zammit;
7. U iktar talli f’Birkirkara u f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer saqu vettura Mazda 323 numru tar-registrazzjoni

CAM 185 minghajr ma kienu koperti b'polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;
8. Finalment akkuzati talli rrendew rwiehhom ricevidi ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
9. Lil Steve Spiteri wahdu akkuzat ukoll talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza datata 10 ta' Settembru 2003;
10. Lil Clayton Cremona wahdu akkuzat talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 27 ta' Frar 2006 fejn l-istess Clayton Cremona kien misjub hati ta' reat ta' pussess ta' droga u kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedini penali taż-żwġ imputati, il-proċess verbal redatt mill-Maġistrat Antonio Mizzi, id-dokument JF a fol 213 u 297, id-Dok JG (Movements of detainee)u l-konferma tal-eseprti maħtura matul l-inkjesta, u l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali a fol 377 tal-Proċess, ic-certifikati tat-twelid li jgibu n-numri 4353 tal-1981 u 4421 tal-1985, ic-certifikata mediku mahrug minn Dr.Paul Mangion (fol 150 et), l-istqarrija ta' Steve Spiteri (Fol 152), l-istqarrija ta' Clayton Cremona, is-sentenzi mpogtija fil-konfront tal-imputati (ara fol 160 et), ir-rapport tas-serologu mahtur minn Dr. Antonio Mizzi (fol 297), it-tieni rapport tas-serologu a fol 362, u d-dikjarazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni li biha kien ikkonfermat li Steve Spiteri kien ghen lill-Pulizija (fol 392).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur

**Ikkonsidrat**

5. L-Ispettur Chris Pullicino xehed li huwa kien arresta lil Omar Ellul u lil Clayton Cremona wara li dawn inqabdu fil-

karozza HAO – 047 li kienet involuta f'hold up. (fol.96). Aktar tard kien arrestat Steve Spiteri. Il-karozza kienet qed tinstaq minn Clayton Cremona.

6. Xehed ukoll Omar Ellul li qal li kien mar fuqu Steve Spiteri li talbu jwasslu sa Ta' Giorni. Ix-xhud beda jsuq il-karozza Hyundai Lantra, ġabru lill-imputat Clayton Cremona u waslu wara x-showroom tal-FXB. Clayton Cremona tefa xi basktijiet fil-karozza u wara, l-istess Clayton Cremona, mar għal karozza oħra Mazda 323. L-imputati bdew jilbsu l-ingwanti u xi flokkijiet komma twila. Steve Spiteri kien b'xi nuċċali tax-xemx u kellu pistola f'idejh. L-imputati ħarġu mill-karozza u wara xi għaxar minuti wasal Clayton Cremona b'nifsu maqtugħ. Daħal fil-karozza u tbaxxa u beda jsaqsi fejn kienu ser jarmu l-ħwejjeġ u l-ingwanti. Ix-xhud waddab il-ħwejjeġ fi skip fqu tal-ba tal-imputat u qal lil Clayton Cremona biex isuq hu. Clayton Cremona beda jara ħafna tas-CID telgħin u ordna lix-xhud jarmi l-pistola iżda spiċċa jarmiha 'l barra Clayton Cremona stess. ( Fol 111). Ix-xhud gibed il-handbreak tal-karozza u kienu arrestati. Dan ix-xhud ghamel stqarrija guramentata quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

7. Din l-istqarrija kienet ikkonfermata minnu wara li nqratlu seduta stante.(ara fol 112 -121). F'din l-istqarrija hemm l-istess dettalji li ta dan ix-xhud meta kien fuq il-pedana tax-xhieda.

8. Xehed Anthony Zammit li kkonferma li l-karozza Mazda 323 CAM 185 kienet tieghu. Din kienet ghand it-tellar li qieghed Msida Valley Birkirkara. It-tellar kien staqsieh jekk kienx ha l-Mazda u x-xhud wiegeb li ma kienx ha l-karozzza.

9. Xehed Vince Azzopardi (fol 125) ta' Vince Auto Dealer. Mieghu jahdem ix-xhud Omar Ellul. Il-karozza Hyundai Lantra HAO 047 kienet tieg]u. (Fol 126). Biss din hija registrata fuq Berk's Auto Dealer.

10. Xehed Christopher Darmanin in rapprezentanza tad-Direttorat tal-Licenzji u tat-Testijiet. Huwa kkonferma li l-Mazda 323 CAM 185 kienet ta' Anthony Zammit. Il-

karozza HAO-047 mis-17 ta' Lulju 2006 inqalbet fuq Mosta Auto Dealer.

11. Xehed l-Ispettur Joseph Mercieca li qal li kien mgarraf li wiehed mill-malviventi kein harab b'Mazda 323 ta' kulur abjad – CAM 185. Il-malviventi kienu bidlu l-karozza fi Triq il-Pagu San Gwann u ntuzat il-vettura Hyundai Lantra HAO 047 li kienet ipparkjata fi Triq il-Qasab San Gwann. Sid il-hanut Alexander Grech kien b'xokk fuqu. Kellu wkoll xi griehi fuq naghsu. Dan qal li ghall-habta tal-4.30pm dahlu zewg persuni wicchom mghammad u bdew jghajtu 'Hold up!' Wiehed kellu pistola zghira u qaghd quddiem il-counter u l-iehor qaghad wara. Wiehed mill-malviventi gibed zewg kxaxen 'il abrra u ha b'kemm jsiwew Lm214 sigaretti. Dak li ha s-sigaretti ta daqqa b'wiehed mill-kxaxen fuq mohhu. Is-sigaretti waqghu mal-art u l-malvivent rema l-kxaxenmal-art.

12. Il-malvivent l-iehor ipprova jigbed il-cash register izda l-cash register waqa' fl-art. Il-cash register kellu aktar minn Lm300 flus kontanti filwaqt li fil-kexxun hdejn is-sigaretti kein hemm Lm1000 fi flus. Skond is-sur Grech mill-post ma nsteraq xejn.

13. L-ispettur kien sab il-Mazda 323 CAM 185 fi Triq il-Pagu. Fil-Hyundai Lantra kienu nstabu zewg mobiles. Il-karozza kienet qed tinstaq minn Clayton Cremona. Omar Ellul kien qal l-istorja kollha waqt li Clayton Cremona baqa' jinsisti li huwa kien qed jipprova l-karozza. Jirrizulta wkoll li f'hin minnhom Clayton Cremona kien isuq wara Elllul u Spiteri. (fol 141). F'mument minnhom Cremona kien amr fil-karozza taghhom u rikeb fqu wara u ghaddew minn quddiem l-istess hanut. F'ghalqa fit-tarf ta' San Anard instab qalziet li wara Steve Spiteri ammetta li kien tieghu. Steve Spiteri ammetta l-involviment tieghu fil-kaz.

14. L-Ispettur kien kellem ukoll lis-sur Paul Grech, wiehed mis-sidien tad-Discount Store. Malli kien cempillu t-tifel, dan mar mal-ewwel u ltaqa' mal-karozza li Hyundai HAO 047 li kienet l-istess wahda li ltaqa' maghha huwa u sejjer fis-supermarket.

Fl-istqarrija tieghu Steve Spiteri ammetta l-involviment tieghu. Hu qal li kien jaf li ser issir serqa izda mhux li ser isir hold-up. (Izda bil-pistola kien jaf zgur- ara fol 153). Huwa nnega li kien ta daqqa tal-kexxun ghax kien diga' hareg 'il barra.

15. Min-naha l-ohra Clayton Cremona prattikament ma wiegeb xejn fl-istqarrija tieghu tal-1 ta' Gunju 2006. (Fol 156).

16. Dr.Paul Mangion ikkonferma li Alexander Grech kellu griehi hfief - barxa fuq mohhu n-naha tax-xellug u tbengila u nefha fin-naha tax-xellug.

17. Xehed ukoll Alex Grech li huwa s-sid tal-hanut APG supermarket fi Triq is-Santwarju San Gwann. Fil-25 ta' Lulju 2006 f'xi l-hamsa neqsin kwart kienu dahlu zewgt irgiel jghajtu 'Hold Up!' . Ra wiehed bil-pistola. Wiehed qabad iz-zewgt ikxaxen tas-sigaretti u hadhom. L-iehor ha l-cash register izda din wehlet ghax kienet bil-wire. L-iehor dahal u tah daqqa bil-kaxxa tas-sigaretti fuq mohhu. Wiehed telaq fil-Mazda li kienet ipparkjata quddiem il-bieb ezatt. Ma nsteraq xejn izda kienu kissrulu l-cash register li jiswa bejn Lm300 u Lm400.

18. Rega' xehed fis-27 ta' Lulju 2007 u spjega kif saru l-griehio. (fol 343).

19. Huwa qal ukoll li kien hemm bejn l-Lm400 u l-Lm500 f'valur ta' sigaretti fil-kxaxen. Li kieku hadulu l-cash register kienu jehdolu Lm400 ohra jew that il-Lm500. (fol 198).
Li kieku hadu bil-cash register b'kollox is-serqa kienet tlehahq 'il fuq minn Lm1000. (fol 200).

20. L-Ispettur Stephen Mallia kkonferma l-identita' ta' diversi sentenzi moghtija fil-konfront ta' Steve Spiteri.

21. L-Ispettur Josric Mifsud ikkonferma sentenza moghtija fil-konfront ta' Clayton Cremona.

22. L-Ispettur PS 426 Anthony Portelli ikkonferma s-sentenza moghtija fil-konfront ta’ Clayton Cremona  (a fol 163 tal-pro`ess0.

23. Jonathan Grech qal li huwa kien fl-istore tal-APG. Sema’ xi hsejjes, hareg barra u sab zewg persuni mghammda mal-cash register fejn kien hemm zijuh.  Dak li kellu l-arma beda jhedded lil zijuh biha. (fol 227). Imbaghad harab jigri, kellu karozza quddiem il-hanut u dahal gol-karozza.   Siehbu telaq jigri.  Lil zijuh kien talbu l-flus fil-kexxun.  Kien ipprova jiehu lp-cash kollu f’daqqa. Ma hadu xejn izda l-cahs register kien miksur.

24. Martin Bajada ikkonferma r-elazzjoni tieghu a fol 69 et

25. Xehed Paul Grech.  Dan qal li cempillu ibnu li gharrfu li kien ghadu kif sarilhom hold up.  Huwa gharaf il-karozza Hyundai li kelha tnejn min-nies fiha. (fol 233).  Huwa gharaf lil Clayton Cremona li kien qieghed baxx.

26. Xehed PS 564 Jeffrey Schmebri li kkonferma r-rapport li ddahhal meta nsterqet il-karozza Mazda 323 (fol 251 et).

27. L-Ispettur (illum Supretendent) Silvio Valletta xehed li Omar Ellul beda jghidlu x’gara meta dan Omar Ellul kien qed jittiehed id-depot.   Huwa xehed ukoll li kienu sabu t-track suit u dawn kienu elevati.

28. PS 1184 Patrick Grech ikkonferma r-relazzjoni tieghu a fol 213 fl-atti tal-inkjesta.

29. Paul Sciberras in rapprezentanza ta’ Gasan Mamo xehed li l-karozza Mazda 323 kienet f’isem Anthony Zammit u din ma tkunx inxurjata jekk tinsteraq.  (fol 280). Wara kkonferma din il-kundizzjoni fil-policy.  (Fol 289).

30. Xehed Colin Bowman li qal li ma gharaf lil hadd mill-imputati.  (Fol 291 et).

31. Xehed Robert Cardona, is-serologu, li qal li kien ghamel analizi necessarja ghall-prezenza ta’ salivary emilates li hu komponent ewlieni tal-bzieq fejn nghata

rizultat pozittiv fuq it-tight iswed imqatta’. Kien hemm rizultat negattiv ghall-prezenza ta’ hair fibres.

32. L-Ispettur Chris Pullicino ikkonferma li Steve Spiteri kien ta ghajnuna siewja lill-Pulizija. (fol 298 et). Rega’ kkonferma l-istess dettalji meta xehed fis-7 ta’ Mejju 2008.

33. L-Ispettur Joseph Mercieca xehed ukoll li l-imputat Steve Spiteri kien ghen lill-Pulizija (Fol 387).

34. L-Ispettur Dennis Theuma ikkonferma wkoll li Steve Spiteri kien ghen lill-Pulizija.

35. Anthony Zammit ikkonferma li kien ha l-karozza Mazda 323 ghand it-tellar u li kienet nsterqet. Din il-karozza kienet tiswa anqas minn Lm1000. Tiswa aktar minn L100 u anqas minn elf’

36. Alfred Vella, it-tellar li saret referenza ghalih fl-ahhar paragrafu, ikkonferma li kellu l-karozza Mazda ghandu. Imbaghad kien cempel lil sidha biex jara x’sar minnha.

37. Is-Supretendent Carmelo Bartolo xehed li kienet saret tfittxija fil-flat ta’ Steve Spiteri u ma kien instab xejn. (Fol 355). Huwa konferma li kien qed isuq Clayton Cremona.

38. Is-serologu Robert Cardona kkonferma li ma kienx fadal salivary emilates biex ikunu jistghu jsiru analizi aktar dettaljati.

39. PS 500 John Giusti xehed li fis-26 ta’ Lulju 2006 kienu sabu lil Steve Spiteri bilwieqfa fuq is-sodda u kellu bicca lizar marbuta mat-tieqa tal-hadid. Steve Spiteri qal li kien imdejjaq. Imbaghad kienu ordnati xi pilloli.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

40. Ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni kien Omar Ellul. Dan mhux biss xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta izda wkoll bil-gurament matul l-inkjesta. Mix-xhieda ta' Omar Ellul jirrizulta li kemm Steve Spiteri kif ukoll Clayton Cremona f'xi ]in kellhom il-pistola f'idejhom. Filfatt, wara li saret mistoqsija mill-Qorti stess, dan ix-xhud qal li Steve Spiteri kellu l-pistola f'idejh. (Ara fol 107). Imbaghad, aktar tard fix-xhieda, wara li Clayton Cremona kien irritorna mill-hanut fejn sar it-tentattiv ta' serq, kien propju dan l-imputat li kellu l-pistola f'idejh. Barra dan kien Clatyon Cremona li gharraf lil dan ix-xhud li hu (Clayton Cremona) beda jghid lil Steve Spiteri biex jaghfas u jispara l-pistola u li din saħansitra kienet faqqghet. (Fol 108) A fol 117, l-istess Clayton Cremona qal li l-pisotla kienet tal-plastik*. **Dan ma jnehhi xejn mir-reat.*** **(Ara r-raba' imputazzjoni kif dedotta)**

41. L-istess xhud ta dettalji ta' fejn kienu ntremew kemm il-flokk u l-qalziet li kien uza Clayton Cremona waqt it-tentattiv. (Ara fol 109) u minn fejn kienu ngabru wara.

42. Barra dan Omar Ellul ta dettalji ta' kif Steve Spiteri kien qallu jsuq safejn gabru lil Clayton Cremona li kien qed isuq il-Mazda 323 li kienet insterqet minn ghand it-tellar (ara fol 105).

43. Il-Qorti ssib li x-xhieda li ta Omar Ellul hija wahda attendibbli u turi l-iter kollu minn meta Steve Spiteri iffitta lil dan ix-xhud biex jiehud 'Ta' Giorni' sal-mumenti wara li sar it-tentattiv ta' serq, instaq lura Clayton Cremona u fl-ahhar sar mill-arrest tal-Pulizija.

44. Jirrizulta wkoll li iz-zewg imputati dahlu fil-hanut fejn sar it-tentattiv ta' serq u dan jqabel mal-verzjoni moghtija minn Alexander Grech sid l-APG Supermarket. Kienu z-zewg imputati li dahlu fil-hanut jghajtu 'Hold Up! Hold Up!'. Mhux biss kienu ħarġu mill-karozza misjuqa minn Omar Ellul li kienet ipparkjata fil-qrib izda sahansitra wiehed minnhom kienu uzal-Mazda misruqa biex jiskappa. Il-Mazda kienet ezatt quddiem il-bieb tal-ABG

Supermarket (ara fol 194),[1] l-imputati kienu lebsin l-istess ilbies li ddeskriva Omar Ellul, li ta dettalji taghhom Alexander Grech (fol 195) u li ddeskriva Steve Spiteri fl-istqarrija tieghu quddiem il-Pulizija (ara fol 153).

45. Il-Qorti qed tqis liż-żewġ imputati bħala kompliċi. It-tnejn kienu jafu x’ser isir u għalhekk kellhom il-‘common design’ (element neċessarju fil-kompliċita’) u t-tnejn kienu jafu bil-preżenza tal-arma. Bħalma diġa’ ntqal Steve Spiteri kellu l-arma f’idejh qabel ma sar il-hold-up [2]waqt li Clayton Cremona kellu l-arma wara u ħa ħsieb jarmieha.

46. Id-difiża ssottomettiet li l-arma ma kenitx esibita. Bir-rispett kollu dan ma jfissirx li ma ntużatx għaliex il-prova ta’ fatt mhix biss billi jkun ippreżentat l-oġġett. Il-prova tista’ ssir b’diversi modi fosthom billi x-xhieda okulari tikkonferma bil-ġurament dak li semgħet jew rat.

47. Id-difiża qalet ukoll li l-arma kienet waħda tal-plastik. Dan l-argument ma jreġix ukoll. L-importanti hu li l-persuna li tisma’ l-kelma ‘Hold Up!’ jew li tara l-arma taħseb li dik hija arma vera. Il-ħalliel xorta qed jasal għall-għan tiegħu meta dan jintroduċi ruħu bla mistieden fi propjeta’ ta’ ħadd ieħor b’dik li tista’ titqies arma f’għajnejn ‘the amn in the street’. Ma tistax tippretendi li s-soċjeta’ kollha tagħraf arma minn oħra jew li waħda hija ta’ vera u l-oħra mhix. Filfatt lanqas jekk l-arma ma tintużax sorta hem mil-kompliċita’ u xorfta hemm ir-reat ta’ vjolenza. Hekk jikkummenta l-Professur Mamo fin-Noti tiegħu:

*‘It is not absolutely essential that the means provided should have fully served the precise purpose for which they were supplied. If, for example, the accomplice has procured a weapon to the thief and the thief has succeeded in committing the crime without making an actual use of the weapon, the accomplice is nevertheless liable if the weapon is in nay way whatsoever been of use, as by intimidating the victim or even by giving confidence to the thief.* ***And, likewise, it is not essential that the***

[1] Dettal li jaqbel perfettament mal-istqarrija ta’ Steve Spiteri a fol 153
[2] A fol 52 tal-proċess, u fol 12 tal-Proces-verbal Omar Ellul jgħid li Steve Spiteri kellu l-arma tleit darbiet.

***thief should have consummated the theft, it being sufficient that he should have attempted it.'*** [3]

Dis-silta tispjega l-punt legali kollu.

48. Biss ukoll jekk wieeħd jara l-artikolu 262(1)(b) tal-Kap 9 dan jiddisponi hekk:

49. Is-serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza

(b) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat.

50. Dan l-artikolu ma jagħmel ebda distinzjoni bejn arma ta' vera u arma forsi tal-palstik. U l-Leġislatur ma setax jagħmel distinzjonijiet bħal dawn għaliex flok jipptoteġi lill-vittma jkun qed jipproteġi lill-aggressur li jkun makakk biżżejjed biex juża mezz bħal dan ħa jeħles mill-pieni komminati.

51. Tanti l-Leġislatur ma riedx jagħmel din id-distinzjoni li saħansitra fis-suninċiż tal-istess artikolu qal:

'(2) Sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara sabiex jgħin il-konsummazzjoni tad-delitt.'

52. Iżda dan mhux biżżejjed. Fl-Att dwar l-Armi (kif kien sal-25 ta' Awwissu 2006), l-artikolu 26 iġorrr piena ta' sentejn priġunerija met wieħed ikollu imitation firearm or imitation arm proper. Meta daħal fis-seħħ il-Kap 480, li ssosstitwixxa l-Kap 66 dwar l-armi, mhux biss żamm l-istess diċitura iżda saħasitra żied il-piean minn sentjen għal erba' snin.

53. L-intenzjoni kriminali meta Clayton Cremona beda jinstiga lil Steve Spiteri biex jispara l-arma li effettivament għafasha u faqqgħet. (Fol 108)

---

[3] Mamo Anthony Professur: Notes on Criminal Law Part 1 page 132

54. Fl-aħħarnett l-artikolu 45 tal-Kap 9 jirregola wkoll meta l-għemil ta' wieħed f'kompliċita' jrid jirrispondi għalih ħadd ieħor. F'din iċ-ċirkostanza japplikaw it-tleit sub-paragrafi ta' dan l-artikolu.

**55. Għalhekk l-aggravju tal-vjolenza kien ippruvat mill-Prosekuzzjoni.**

**56. L-aggravju tal–mezz ukoll kien ippruvat għaleix iż-żewġ imputati daħlu mgħammdin.**

**57. L-aggravju tal-valur huwa wkoll ippruvat minħabba li kieku seħħ is-serq, dan kien jeċċedi l-mitt lira Maltija jew €234.**

**58. Għalhekk l-aggravji tas-serq kollha kienu ppruvati fil-konfront taż-żewġ imputati.**

**59. Is-serq seħħ għaliex huwa biżżejjed li l-affarijiet jiċċaqalqu barra minn posthom kif ġara bis-sigaretti u bil-cash register. Din hija t-teorija li dejjem imxew magħha l-Qrati tagħna.**

**60. Isegwi li l-Qorti qed issib liż-żewġ imputati ħatja tal-ewwel imptuazzjoni dedotta kontrihom.**

**It-tieni Imputazzjoni - Arrest ta' Għadd ta' Persuni**

61. Fil-fehma tal-Qorti, din l-imputazzjoni ma kenitx ippruvata la fil-konfront ta' Steve Spiteri u lanqas fil-konfront ta' Clayton Cremona. Li jirriżulta mill-atti huwa attack fuq Alexander Grech. Huwa tassew li malli kien hemm l-għajta ta' 'Hold-Up', allura huwa probabbli li kulħadd iffriża għal xi moment iżda ħadd mill-persuni li kein fil-ħanut ma ttella' jixhed dwar dan. Is-sid jidher li irreaġixxa. Huwa sofra ferita iżda dan huwa l-mertu ta' imputazzjoni oħra. Għalhekk il-Qorti qed tilliberahom minn din l-imputazzjoni.

**It-tielet Imputazzjoni - Offiża Ħafifa**

62. Skond l-imputat Clayton Cremona (ara fol 117), dan l-istess imputat qala' daqqtejn ta' kaxxa. Issa fl-istqarrija tieghu Steve Spiteri jghid li huwa kien ħareġ ħdejn il-bieb. Skond Alexander Grech, fol 196:

***'Ghax hu kien hareg bil-kxaxen bis-sigaretti barra u kif ra li zammejt lil dak jiena, rega' daħal għalija u tani daqqa bihom'***

63. Jekk wiehed jgħaqqad dak li qal Steve Spiteri fl-istqarrija tiegħu stess ma' dak li rrakkonta bil-ġurament Alexander Grech, wiehed jikkonkludi li kien Steve Spiteri li ta d-daqqiet lil sid il-hanut.

64. L-artikoli 44 u 45 tal-Kap 9 jirregolaw il-piena f'ċirkostanzi ta' kompliċi. L-artikoli 44 jgħid li ċirksotanzi personali m'humiex komuinkabbli.

65. L-artikolu 45 jittratta dwar meta għemil ta' wieħed li l-oħrajn iridu jwieġbu wkoll. Bir-rispett kollu l-imputat l-ieħor kein jaf bl-att fil-waqt li qed isir, u għad li kien jsita' jimpedih, ħallieh isir. (45(ċ) Kap 9).

66. Għaldaqstant il-Qorti qed issib liż-żewġ imputati ħatja ta' din l-imputazzjoni.

**Ir-raba' Imputazzjoni – Pussess ta' arma tan-nar.**

67. L-Avukat Ġenerali rrefera Kap 66 li kien għadu viġenti fi żmien meta sar ir-reat. Il-Kap 480 daħal fis-seħħ fil-15 ta' Awwissu 2006 waqt li r-reat sar fil-25 ta' Lulju 2006. Minħabba li l-artikolu 26 tal-Kap 66 jinkludi 'an imitation firearam or imitation arm proper' u minħabba li din l-'arma' kienet qed tintuża waqt serqa, kif jitlob is-subinċiż (a) tal-artikolu 26, il-Qorti qed issib liż-żewġ imputati ħatja ta' din l-imputazzjoni.

**Il-ħames imputazzjoni – Il-ħsara**

68. L-imputati għamlu ħsara li kienet 'il fuq minn ħamsin lira Maltin iżda mhux il-ħames mitt lira. Dan kien ippruvat

mix-xhieda mogħtija minn Alexander Grech, sid il-ħanut. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputati ħatja ta' din l-imputazzjoni b'dan pero' li din l-imputazzjoni qed titqies assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

**Is-Sitt Imputazzjoni - Serq il-Mazda 323**

69. Mill-atti jirriżulta li kien Clayton Cremona li ntlemaħ isuq din il-karozza meta Steve Spiteri u Omar Ellul kienu sejrin lejn Ta' Giorni. Jirriżulta li din kienet għand tellar u li l-karozza kienet tappartjeni lil ħadd ieħor. Għalhekk Clayton Cremona kien qed isuq karozza li mhix tiegħu. Iċ-ċirkustanza evidenzjali hawn hija univoka. Huwa żgur li Clayton Cremona seraq din il-karozza għaliex kieku ma kenitx tkun f'idejh. Ma jidhirx li hemm prova biżżejjed li Steve Spiteri kien involut fis-serqa wkoll. Għalhekk qed issib lill-imputat Clayton Cremona ħati ta' din l-imputazzjoni u qed tillibera lill-imputat Steve Spiteri.

**Is-Seba' Imputazzjoni. – Sewqan ta' karozza mingħajr koperta ta' assigurazzjoni**

70. Mill-provi jirriżulta li ġaladarba l-Mazda 323 CAM 185 ma kenitx misjqua minn sidha iżda minn min seraqha, dan ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Din kienet waħda mill-kondizzjonijiet li kellha magħha il-polza li kienet tassiguar l-kwistjoni. Hemm provi li din instaqet minn Clayton Cremona u għalhekk huwa qed jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni bl-aggravji kollha barra dak tal-ħin għaliex ma kienx ippruvat li l-karozza nsterqet bejn inżul ix-xemx u tlugħ ix-xemx.

71. M'hemmx provi li Steve Spiteri saq din il-karozza. Isegwi li l-Qorti qed tillibera lil Steve Spiteri minn din l-imputazzjoni.

**It-Tmien Imputazzjoni sive addebitu – Ir-Reċidiva.**

72. Din l-imputazzjoni hija ppruvata fil-konfront taż-żewġ imputati permezz tas-sentenzi esibiti a fol 160 et u għalhekk il-Qorti qed issibhom ħatja ta' din l-imputazzjoni.

**Id-Disa' Imputazzjoni – Imputazzjoni kontra Steve Spiteri waħdu – Reat f'Perjodu operattiv ta' sentenza.**

73. Il-Prosekuzzjoni qed tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Steve Spiteri' tal-10 ta' Settembru 2003. Din kienet sentenza ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin. Dawn kienu jiskadu fl-10 ta' Settembru 2007. Ir-reat sar fil-25 ta' Lulju 2006. Konsegwentement ma kinux għaddew l-erba' snin u għalhekk il-Qorti qed issib lil Steve Spiteri waħdu ħati ta' din l-imputazzjoni u konsegwentement qed iġġib fis-seħħ il-kundanna ta' sentejn priġunerija.

**L-Għaxar Imputazzjoni – Imputazzjoni kontra Clayton Cremona waħdu – Ksur tal-Kap 7 tal-Att 446.**

74. Is-sentenza ngħatat fis-27 ta' Frar 2006 u l-Probation kellha tkun għal 18-il xahar. It-tmintax-il xahar ma kinux għaddew u għalhekk din l-imputazzjoni kienet ippruvata wkoll u l-Qorti qed issib lil Clayton Cremona ħati tagħha.

**Konklużjoni**

75. Il-Qorti, wara li rat:

**Fil-konfront ta' Steve Spiteri**

l-artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263,(b), 267, 274(c), 275, 277, 278, 279, 280 u281 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 86 u 87 (1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) l-artikoli 214, 217 u 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 31(A), 9(1)(3), 10, 19, 26(a) u 27 tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264(1), 265, 266, 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, u 281 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta'

Malta; l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta’ Malta; l-Artikolu 15(1)(c) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta’ Malta; l-artikolu 28B sa 28H tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta; 49, 50 u 289 tal-Kap9 ; 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba’, tal-ħames, tat-tmien u tad-disa’ imputazzjoni b’dan pero’ li t-tielet, ir-raba’ u l-ħames imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Qed tilliberah mit-tieni, mis-sitt u mis-seba’ imputazzjoni waqt li l-għaxar imputazzjoni mhix applikabbli fil-konfront tal-imputat.

Dwar il-piena l-Qorti qieset:

Min-naħa waħda:

(i) li telgħu diversi spetturi jixhdu li l-imputat kien ta għajnuna siewja lill-Pulizija diversi drabi u dan kien f’każi serji.

Min-naħa l-oħra li :

(i) l-imputat huwa reċidiv;

(ii) li wettaq il-hold-up waqt li kien għaddej il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu.

(iii) is-serjeta’ tar-reat;

(iv) il-fedina penali raffrettarja tiegħu;

Għaldaqstant, (a) il-Qorti qed iġġib fis-seħħ il-piena ta’ **sentejn** priġunerija liema piena qabel kienet sospiża għal erba’ snin; u

(b) ma’ dawn trid tiżdied il-kundanna għar-reati mwettqa skond iċ-ċitazzjoni odjerna liema piena hija ta’ **sentejn u nofs priġunerija**.

Għalhekk il-piena komplessiva hija dik ta’ erba’ snin u nofs priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li taħt arrest preventiv b’konnessjoni ma’ dan ir-reat biss.

**Fil-konfront ta' Clayton Cremona**

l-artikoli 261(a)(b)(c), 262, 263,(b), 267, 274(c), 275, 277, 278, 279, 280 u281 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 86 u 87 (1)(c)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) l-artikoli 214, 217 u 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 31(A), 9(1)(3), 10, 19, 26(a) u 27 tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263, 264(1), 265, 266 267, 270, 271(g), 278, 279, 280, u 281 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 15(1)(c) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikoli 7, 22, 23, 24, 25 tal-Kap 446; 49 u 50 tal-Kap 9; 17, 23, 31 u 533 tal-Kap 9
issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tielet, tar-raba', tal-ħames, tas-sitt, tas-seba', tat-tmien u tal-għaxar imputazzjoni bit-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni waqt li qed tqis id-disa' imputazzjoni bħala mhux applikabbli għall-imputat.

Dwar il-piena, l-Qorti qed tqis il-fedina penali tal-imputat li mhux netta għal kollox u qed tapplika l-artikolu 17(b) tal-Kap 9. Qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' tliet snin u disa' xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €2340 liema multa tista' titħallas b'rata ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandha tinbidel skond il-Liġi b'dan pero' li qatt ma tista' taqbeż is-sitt xhur skond il-proviso tal-artikolu 11 tal-Kap 9.

Għandu jitnaqqas dak iż-żmien li l-imputat ikun għadda taħt arrest preventiv b'konnessjoni ma' dan ir-reat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------